MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 68

11 ta' April 2012

Minuti tas-Seduta Nru. 68 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar l-Erbgħa 11 ta' April 2012.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha. Il-Kunsillier J. Buttigieg kien skużat peress li kien imsiefer.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.3.2. **(Ref: A/5/3/1/Vol XII)** tas-seduta preċedenti u talab li tinqara kif ġej:

*"2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 9.1. tal-ewwel parti tas-seduta preċedenti u kkummenta li kien sodisfatt bil-parteċipazzjoni tal-pubbliku fl-istess attivitajiet, partikularment għas-serata li fiha jew ippreżentati l-onorefiċenzi fit-2 ta' Mejju 2012. Is-Sur R. Cutajar aċċenna wkoll għaż-żjara li għamel is-Sur Antonio Tajani, il-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea fl-4 ta' Marzu 2012, li ttieħed jara s-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa, fejn ġie milqugħ mill-Kappillan Dun Joe Caruana u mis-Sindku, u wara kixef il-monument li jfakkar is-sħubija tal-Mellieħa bħala European Destination of Excellence. Huwa żar ukoll l-uffiċċju tal-Kunsill u ffirma l-ktieb tal-viżitaturi u ppreżenta l-onorefiċenza Rikonoxximent il-Mellieħa lill-Dr Grace Grima, li ma setghetx tattendi jumejn qabel, għas-serata tal-premjazzjoni.".*

1.2. Il-Kunsill approva l-minuti tas-Seduta Nru. 67, bl-emenda proposta aktar 'il fuq, kif wkoll li l-istess minuti jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku www.gov.mt.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Proġett Park tal-Familja (P/4/6/Vol V)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.2.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li wara kuntatti li kien hemm mal-Industrial Projects and Services Ltd inħarġet sejħa sabiex jinstabu persuni li jixtiequ jagħmluha ta' *watchmen* mal-Park tal-Familja. Il-Kunsill ġie mgħarraf li saru kuntatti wkoll mal-Korporazzjoni dwar l-Impieġi u Taħriġ sabiex permezz tal-*Community Work Scheme* jinstabu persuni ħalli jagħmlu xogħol ta' ġardinara u manutenzjoni. Jidher li fil-każ tal-aħħar instabet persuna li possibilment tibda taqdi din il-funzjoni fi ftit jiem oħra.

2.1.3. Is-Sur R. Cutajar għarraf ukoll li l-*open air gymnasium* tlesta u jonqos biss ir-*rubber flooring,* li ser isir permezz tal-kuntratt li ngħata lid-ditta 240 Ltd, skont ir-riżoluzzjoni mogħtija fis-seduta preċedenti. Bl-istess mod ser issir l-art tal-korsa tal-atletika wara li din tiġi livellata bil-*lean mix*. Hemm opportunita` li l-materjal għar-rampa tar-roti BMX jiġi pprovdut mit-Taqsima tax-Xogħlijiet, filwaqt li xogħol fuqha jagħmel tajjeb għalih il-Kunsill, liema xogħol jinvolvi spiża ta' €900. Is-Sindku kompla jgħid li hekk kif tlesta l-*wiring* tal-

installazzjoni tal-elettriku fid-*dressing rooms*, beda x-xogħol fuq il-kisi tal-ħitan u l-madum tal-art. Min-naħa tat-Taqsima tax-Xogħlijiet ser isiru l-*litter bins*, il-bankijiet, filwaqt li x-xogħol fuq il-*wire netting* madwar il-*multi-purpose court* ser isir mill-istess Taqsima, iżda x'aktar li l-ispiża tal-materjal irid jagħmel tajjeb għaliha l-Kunsill. Ittieħdu l-qisien tal-aperturi għad-*dressing rooms* sabiex jinħadmu il-persjani tal-injam fuq barra, bi twieqi tal-aluminju minn ġewwa.

2.1.4. Is-Sindku qal li jixtieq jirreġistra l-inpenn u l-motivazzjoni li qed jintwerew fil-kordinazzjoni ta' dan il-proġett mill-ħaddiema tat-Taqsima tax-Xogħlijiet, partikularment mill-imgħallmin Godfrey Buttigieg u Victor Muscat.

2.1.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.2.1. Proġett ta' tisbiħ f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (P/4/20/Vol III)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.4.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li fid-29 ta' Marzu 2012 saret laqgħa ta' kordinazzjoni fuq il-post mal-entitajiet kollha li għandhom is-servizzi għaddejjin fil-misraħ. Fl-istess laqgħa ġew infurmati li ser issir *service culvert* sabiex jitneħħew l-*cables* kollha li attwalment huma mwaħħlin mal-ħitan. Ir-rappreżentant ta' GO plc ġie nfurmat li l-Kunsill għandu l-intenzjoni li jneħħi żewġ *telephone booths* eżistenti u jibdilhom ma' wieħed antik li kien jintuża fl-era kolonjali ta' żmien l-Ingliżi, li ser jiġi regalat lill-Kunsill.

2.2.3. Is-Sur R. Cutajar aċċenna wkoll għal inċident li nqala' waqt din il-laqgħa, fejn huwa ġie nsulentat mis-Sur Manuel Vella ta' Manuel's Garage, wara li huwa pprova jispjega x'jinvolvi l-proġett f'dak li jirrigwarda l-fond minn fejn huwa jopera. Ir-rejazzjoni tas-Sur Vella kienet waħda nsolenti u għalhekk sar rapport fl-Għassa tal-Pulizija dak il-ħin stess. Billi huwa kien qed jaġixxi *ex-officio*, hija proċedura normali għall-Pulizija, li min jagħmel dan it-tip ta' offiża jittellgħa l-Qorti. Sussegwentement sar magħruf li s-Sur M. Vella qassam karti lis-sidien tal-ħwienet fi Triq Ġorġ Borg Olivier, fejn qed imexxi allegazzjonijiet infondati li l-proċedura illi ġiet segwita mill-MEPA biex inħareġ il-permess DNO kien wieħed irregolari. Kopja ta' dawn il-karti ġiet ippreżentata waqt is-seduta.

### 2.3.1. Arranġamenti tat-traffiku temporanji waqt ir-rikostruzzjoni ta' Dawret il-Mellieħa (T/3/3/Vol IV)(T/5/1/Vol II)

2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.5.1. tas-seduta preċedenti u qal li l-uffiċjali tal-infurzar ta' Transport Malta reġgħu lura lejn dmirijiethom u tpoġġew fi Triq il-Marfa kantuniera ma' Dawret il-Mellieħa biex jidderiegu t-traffiku lejn tal-aħħar. Is-Sur R. Cutajar fakkar li qed ikun hemm pulizija mħallas mill-Kunsill, fil-Ħdud bejn is-6.00 u l-10 ta' bil-lejl qed. Dan l-arranġament naqqas ħafna mill-inkonvenjenzi li kienu qed jaffaċċjaw ir-residenti ta' Triq is-Santwarju u Triq Ġnien Ingraw in partikulari. Huwa qal li qed ikun hemm problema biex dawn l-uffiċjali tal-infurzar jidentifikaw minn verament jeħtieġlu jgħaddi mill-Mellieħa għaliex ikun resident jew biex jirrendi servizz. Għalhekk spiss jaqgħtu linja dritta u jgħaddu t-traffiku kollu li jkun ġej miċ-Ċirkewwa minn Dawret il-Mellieħa. Biex jiġi evitat dan, qed tinħareġ nota mill-uffiċċju tal-Kunsill biex jiġu evitati nkonvenjenzi bi traġitt żejjed għal każ ġenwini li ma jistgħux jiġu koperta bil-karta tal-identita`.

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.4.1. *Bus shelter* f'Għajn Tuffieħa (B/6/Vol V)

2.4.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 4.1.1. tas-seduta preċedenti u qal li d-ditta Faces Consultants Ltd ġiet mitluba biex tagħmel tajjeb għall-ħlas tal-multa mposta mill-MEPA.

2.4.3. Waqt id-diskussjoni fuq dan is-suġġett, is-Sindku qal li jeħtieġ jitpoġġa *litter bin* ieħor fejn dan il-*bus shelter*, peress li wieħed mhux biżżejjed.

2.4.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.5.1. Trobbija tan-naħal f'Selmun (A/6/8)

2.5.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.2.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li b'rabta mal-proposta mressqa mill-Assoċjazzjoni Maltija tal-Apikultura, sar kuntatt mal-Fundazzjoni ARKEO. Il-fundazzjoni, min-naħa tagħha wieġbet li tixtieq tiċċara l-posizzjoni tagħha fir-rigward tat-tmexxija tal-*Heritage Trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ, qabel titkellem mal-Kunsill fuq proposti oħra.

2.5.3. Is-Segretarju għarraf li saru rappreżentazzjonijiet mad-Dipartiment tal-Artijiet dwar l-assenjazzjoni tat-tmexxija tal-beni li ġew devoluti. Tweġiba kien għadha ma ngħatatx sad-data tas-seduta.

2.5.4. Is-Sur R. Cutajar qal li huwa ddelega lill-Viċi Sindku E. Bartolo sabiex jaħdem fuq l-abbozz tal-ftehim li ġie propost mill-fundazzjoni, liema ftehim huwa bbażat fuq dak li sar ma' għaqdiet oħra fir-rigward tax-Xelters tat-Tieni Ġwerra Dinjija u l-Batterija ta' Westreme.

2.5.5. Il-Kunsill innota dawn l-iżviluppi.

### 2.6.1. Kuntratti relatati mal-*Heritage Trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ (P/10/3/Vol III)

2.6.2. Saret referenza għall-minuti 11.1, 12.1, 13.1, 14.1, u 15.1 tas-seduta preċedenti. Is-Segretarju għarraf li ntbagħtu l-ħames ittri ta' aċċettazzjoni relatati mal-kuntratti dwar il-proġett t'hawn fuq, fejn l-offerent ġie mitlub jgħaddi garanzija bankarja (*performance bond*) li tkopri għal 10% tal-valur fuq kull kuntratt. Permezz ta' ittra datata 11 ta' April 2012, l-offerent li ngħata l-kuntratti – Salamanda Ltd - talab żmien ta' erba' ġimgħat sabiex jissottometti l-garanzija, minħabba l-valur tagħha huwa sostanzjali u għalhekk jeħtieġ isir kuntratt ta' ipoteka, bejn il-bank u l-istess kumpanija. Minkejja dan, huma lesti li jibdew ix-xogħol hekk kif jingħataw struzzjonijiet mill-Kunsill.

2.6.3. Il-Kunsill qabel li għandu jagħti din il-koncessjoni bil-għan li jkun jista' jibda xogħol u hekk jiġu onorati l-iskedi tal-implimentazzjoni stabiliti fil-ftehim li sar bejn il-Kunsill u l-Aġenzija tal-Pagamenti, sakemm jiġi verifikat li l-proċedura min-naħa tal-bank tkun inbdiet.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 05/04/12;
- Skeda ta' Pagamenti – 16/03/12 – 05/04/12;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 13/03/12 – 04/04/12;
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Rendikont Finanzjarju – Ottubru – Diċembru 2011;
- Stqarrijiet Finanzjarji 2011 Awditjati.

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Arranġamenti tat-Traffiku fi Triq Vincenzo Ciappara (T/3/2/Vol X)

4.1.2. Saret referenza għal *e-mail* datat 15 ta' Marzu 2012, mibgħut minn Transport Malta fejn l-amministrazzjoni tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa qed titlob li ssir *pedestrian crossing* fi Triq Vincenzo Ciappara. Sabiex tkompli tikkonsidra din it-talba l-Awtorita` talbet lill-Kunsill jgħaddilha pjanta bi skala 1:500 li tindika l-*pedestrian crossing* kif qed tiġi proposta. L-Awtorita` ma taqbilx li għandhom jsiru *road humps* fl-istess triq, iżda rrakkomandaw minflok li jsiru sinjali SLOW u SCHOOL AHEAD.

4.1.3. Wara diskussjoni fit-tul fuq il-kwistjoni tal-*pedestrian crossing*, il-Kunsill kien tal-fehma li din tista' tagħti sens ta' sigurta` meta fil-fatt din ma jeżistix billi l-post indikat jinsab bejn żewġ toroq qrib ħafna xulxin. Għalhekk jagħmel aktar sens jekk l-għalliema jidderieġu lit-tfal jaqsmu fil-kantuniera ma' Triq Qasam Barrani, fejn ikollhom dehra sħiħa tat-traffiku li jkun għaddej mid-direzzjoni kollha. Il-Kunsill qabel li Transport Malta għandhom jintalbu jikkonsidraw l-introduzzjoni ta' *rumble strips* fi Triq Qasam Barrani, kantuniera ma' Triq Vincenzo Ciappara.

### 4.2.1. Tiswija ta' trinek miftuħa mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (K/6/9)

4.2.2. Inqrat *e-mail* datata 28 ta' Marzu 2012, mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, fejn il-Kunsill intalab jindika l-għażla tiegħu dwar kif għandu jsir dan ix-xogħol, ossija dwar jekk:

(a) Ix-xogħol tal-asfaltar tat-trinek isirx mill-kunsill lokali skont il-ftehim bejn il-Koporazzjoni u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali; jew

(b) Ix-xogħol tal-asfaltar tat-trinek isirx mill-Korporazzjoni, mingħajr ma l-kunsill lokali jħallas xi spejjeż involuti

4.2.3. Minħabba d-diffikultajiet li jsib il-Kunsill biex isiru dawn it-tip ta' tiswijiet żgħar li jkunu mifruxa mal-lokalita` kollha, kien hemm qbil li l-għażla (b) tkun l-aħjar metodu biex issir it-tiswija ta' trinek li jinfetħu mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

### 4.3.1. Servizzi Soċjali mogħtija mill-Uffiċċji tal-Kunsilli Lokali (K/1/3/Vol II)

4.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.4.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li fis-26 ta' Marzu 2012 saret żjara fl-uffiċċju tal-Kunsill ma' uffiċjali mid-Dipartiment tas-Sigurta` Soċjali li spjegaw x'tinvoli din l-inizjattiva f'dawk li huma faċilitajiet u attrezzi meħtieġa. Jidher li s-servizz mill-uffiċċju tal-Kunsill jista' jingħata fi żmien qasir, wara li jsiru testijiet tekniċi sabiex isir magħruf jekk id-*database* użata mid-Dipartiment u l-applikazzjonijiet kollha relatati humiex aċċessibli mill-uffiċċju tal-Kunsill. Il-Kunsill intalab jipprovdi *built-in network printer* li jkun *Linux compatible*, illi jippermetti stampar ta' dokumenti mill-istess *database*. Il-Kunsill intalab jipprovdi wkoll skrivanija u *cabinet* għall-uffiċjal li ser jattendi fil-kamra wżata għall-korsijiet.

4.3.3. Il-Kunsill approva t-talbiet li saru mid-Dipartiment tas-Sigurta` Soċjali.

### 4.4.1. Titjib fil-*Playing Field* ta' Triq l-Erwieħ (P/4/14)

4.4.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf permezz ta' *e-mail* datat 15 ta' Marzu 2012, id-ditta Exalta Ltd ipproponiet li twaħħal tromba fil-belvedere tas-Sur jew fil-*playing field* ta' Triq l-Erwieħ. Din issir mingħajr spejjeż għall-Kunsill, filwaqt li l-kumpanija jkollha d-dritt toffri l-użu tagħha lill-pubbliku bi ħlas.

4.4.3. Il-Kunsill ma' sabx oġġezzjoni li titwaħħal waħda minn dawn it-trombi fil-*playing field* imsemmi.

### 4.5.1. Skema EGOV4U - Użu tas-servizzi offruti mill-Gvern permezz tal-internet (E/3/1/9/Vol IV)

4.5.2. Is-Segretarju għarraf li fit-13 ta' April 2012 ser issir it-tnedija tal-*public access terminals* taħt l-Iskema EGOV4U permezz tal-iskema msemmija. Huwa qal li fis-16 ta' April 2012 ser jasal it-*terminal* tal-kompjuter fl-uffiċċju tal-Kunsill sabiex ikun jista' jintuża mill-pubbliku biex ikollu aċċess għal servizzi offruti mill-Gvern permezz tal-internet. Huwa fakkar ukoll li għal dan il-għan, is-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali kien allokata lill-Kunsill tal-Mellieħa s-somma ta' €5,000.

4.5.3. Il-Kunsill innota dan l-iżvilupp.

### 4.6.1. Introduzzjoni ta' dwal fi Triq ir-Ramla tal-Bir (E/1/3/Vol VI)

4.6.2. Is-Sur R. Cutajar irrefera għal stima ta' €50,810 li kienet saret minn Galea Curmi Engineering Consultants illi tkopri sensiela ta' dwal tul Triq ir-Ramla tal-Bir kollha. Saret referenza wkoll għal ittra datata 23 ta' Marzu 2012, mibgħuta mill-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu, li permezz tagħha, il-Kunsill ġie mgħarraf li l-istess Awtorita` lesta li tagħmel tajjeb għall €16,000 mill-ispiża nvoluta. Is-Sindku kompla jgħid li skont l-arranġament miftiehem, is-sidien tal-lukanda ser iħallsu €16,000 oħra, u permezz tal-*EIPP Fund* tal-MEPA, ser jiġu allokati €20,000, filwaqt li ppropona li l-Kunsill jagħmel tajjeb għad-differenza li jista' jkun hemm, kemm-il darba l-ispiża taqbeż l-istima.

4.6.3. Il-Kunsill innota u approva l-ispiża. Is-Segretarju fakkar li kemm-il MEPA, kif ukoll is-sidien tal-lukanda Ramla Bay għad iridu jikkommettu ruħhom bil-kitba dwar is-somom rispettivi li lest jikkontribwixxu.

### 4.7.1. Tibdil f'rotot eżistenti u introduzzjoni ta' oħrajn ġodda tal-karozzi tal-linja (T/5/1/Vol II)

4.7.2. Is-Sindku rrefera għal ittra datata 10 ta' April 2012, mibgħuta minn Transport Malta, wara kuntatti li huwa kellu fid-dawl tal-ilmenti illi qiegħdin jsiru mill-pubbliku. Skont l-istess ittra, l-Awtorita` qed tippropona li tintroduċi numru ta' tibdiliet biex jidħlu fis-seħħ mal-iskedi tas-Sajf li jidħlu fis-seħħ fis-27 ta' Mejju 2012. Dawn jikkonsistu fl-introduzzjoni ta':

- Rotta ġdida bin-numru 37 li ser tieħu post ir-rotta 232, bejn l-Għadira (fis-Sajf mill-Armier), li tgħaddi miċ-ċentru tal-Mellieħa u tibqa' sejra San Pawl il-Baħar, Burmarrad, Mosta (MCAST, Santa Margerita, Technopark), Naxxar (Sghajtar), Sptar Mater Dei, Universita` u tieqaf il-Belt. Ir-rotot diretti lejn l-Isptar Mater Dei ser jibdew jieqfu kemm quddiem id-daħla ewlenija tal-isptar, kif ukoll fejn in-naħa tal-Universita`;
- Rotta ġdida bin-numru 42 minflok ir-rotta X6, li titlaq miċ-Ċirkewwa, tgħaddi mill-qalba tal-Mellieħa, u tibqa' sejra San Pawl il-Baħar, Burmarrad, Mosta, Birkirkara, Fluer-de-Lys, Santa Venera, Ħamrun u tieqaf il-Belt; u
- Rotta ġdida bin-numru 45, bejn il-Manikata u l-Belt kull siegħa, filwaqt li r-Rotta 44 tiġi estiża sa Għajn Tuffieħa.

4.7.3. Is-Sur R. Cutajar spjega li t-tibdil propost ser jidħol fis-seħħ meta tinfetaħ Dawret il-Mellieħa. Ir-rotta bejn il-Mellieħa u l-Manikata ser tibqa'. Il-frekwenza fuq ir-Rotta 41 ser tkun kull nofs siegħa jew iktar, skont il-ħin. Ir-Rotta X1 bejn iċ-Ċirkewwa u l-Ajruport ser tibqa`, bid-differenza li tgħaddi minn Triq Ġorġ Borg Olivier u Triq il-Kbira.

4.7.4. Mill-istess kuntatti ħareġ li l-Awtorita` qed jipproponu wkoll li r-rotot kollha jgħaddu minn Triq Ġorġ Borg Olivier u Triq il-Kbira fiż-żewġ direzzjonijiet. Għaldaqstant ser ikun meħtieġ li l-Kunsill jerġa jevalwa s-sitwazzjoni f'dak li huwa pparkjar, minħabba fiż-żieda fit-traġitt bil-karozzi tal-linja.

4.7.5. Is-Sindku aċċenna għal ilmenti persistenti li baqgħu jsiru dwar it-tneħħija tal-*bus stop* li kien hemm fi Triq il-Kbira faċċata ta' Triq Tas-Salib. Huwa qal li għandu riżervi dwar dan, minħabba raġunijiet ta' sigurta` għal min ikun qed jistenna, billi l-bankina hija dejqa ħafna, filwaqt li jeżisti *bus stop* ieħor ftit passi 'il bogħod. Bl-approvazzjoni tal-Kunsill, l-Awtorita` lesta li terġa tintroduċi dan il-*bus stop*.

4.7.6. Il-Kunsillier J. Azzopardi ppropona li fl-*interchange* ta' Triq l-Iżbark tal-Franċiżi għandu jkun hemm *mobile toilet* għall-benefiċċju ta' min ikun jistenna, kif ukoll għax-xufiera tal-karozzi tal-linja.

4.7.7. Il-Kunsill approva it-tibdil propost.

### 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 5 ta' April 2012.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskeda.

5.4. Tressqet skeda ta' stimi dwar ħames poloz ta' assikurazzjoni **(Ref: K/1/4/Vol V)** li daħlu wara avviżi li dehru fil-Gazzetta tal-Gvern tat-23 ta' Marzu u fil-gazetta Malta Independent tal-21 ta' Marzu 2012. L-istimi li ngħataw kienu kif ġej:

| | Allcare Ins. Brokers (€) | Melita Unipol Ins. Brokers (€) | Island Ins. Brokers (€) | MIB Ltd (AON) (€) |
|---|---|---|---|---|
| ***Industrial All Risks*** | 245.16 | 231.97 | 223.88 | 151.44 |
| ***Employer's Liability*** | 125.46 | 109.17 | 176.00 | 153.05 |
| ***Public Liability*** | 165.00 | 586.82 | 501.00 | 681.00 |
| ***Group Personal Accident*** | 44.00 | 35.12 | 41.00 | 54.15 |
| ***Electronic Equipment*** | 192.50 | 179.31 | 176.00 | 142.00 |
| **Total inkluż it-taxxi** | **689.38** | **1,142.39** | **1,057.02** | **1,181.64** |

5.5. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-*public liability insurance* offruta minn Allcare Insurance Brokers kienet toffri inqas vantaġġi minn tat-tliet ditti l-oħra, peress li teskludi riskji marbuta ma' toroq u bankini fil-lokalita`. Ġie nnutat li d-differenza bejn it-tlieta l-oħra f'dak li huwa prezz hija żgħira u għalhekk ġie deċiż li għandha tinħareġ *purchase order* fuq MIB Ltd li ilha tkopri lill-Kunsill għal diversi snin.

5.6. Is-Segretarju għarraf illi wara l-verifika li saret mill-udituri wara li għalqet is-sena finanzjarja 2011, ingħata l-parir sabiex tinkiseb kopertura fuq ħsarat, vandaliżmu eċċ fuq proġetti mwettqa mill-Kunsill, kif ukoll oħrajn li jaqgħu fir-responsabilita` tiegħu.

5.7. Il-Kunsill qabel li għandha tintalab stima dwar dan mingħand MIB Ltd bħala estensjoni tal-polza *Industrial All Risks*

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet Skeda ta' Pagamenti mitluba bejn is-16 ta' Marzu u l-5 ta' April 2012.

6.3. Tressqet ukoll Skeda ta' Infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* bejn it-13 ta' Marzu u l-4 ta' April 2012.

6.4. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha inklużi fl-iskedi mressqa u għalhekk ġew iffirmati. Kien hemm qbil ukoll li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku www.gov.mt.

## *7.1.* Aġġustar tal-Istqarrijiet Finanzjarji 2011 wara li saret il-verifika mill-Udituri (F/1/2/Vol VIII)

7.2. Is-Segretarju għarraf li l-udituri kkonkludew l-verifika tagħhom fuq l-operat tal-Kunsill għas-sena 2011 u għamlu tibdil fl-istqarrijiet finanzjarja għall-istess sena li jirrigwardaw:

(a) aġġustament li juri l-imgħax (*effective interest*) fuq l-ammont imħallas lill-kuntrattur involut fil-*Public Private Partnership* fir-rigward tax-xogħlijiet ta' Triq l-Armier; u

(b) aġġustament ta' dħul li suppost kellu jidher fuq l-istqarrijiet finanzjarji 2010, iżda li l-ammont preċiż tiegħu sar magħruf fl-2011. Dan kien konness mal-*European Tourism Forum*, Milied Mellieħi 2010; u l-Iskema Tagħlim Tul il-Ħajja.

7.3. Il-Kunsill approva l-istqarrijiet finanzjarji kif ġew aġġustati wara l-verifika u għalhekk ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv, sabiex jiġu mgħoddija lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika.

## 8.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier J. Azzopardi li tgħid:

**"Billi saret sejħa għall-offerti (6/2011) skont l-artiklu 40 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) u r-Regolamenti dwar Offerti lill-Kunsilli Lokali - Avviż Legali 255 tal-2009, bil-għan li ssir installazzjoni tal-elettriku ġdida fi Ġnien Dun Anton Debono, minflok dik eżistenti li hija difettuża, kif ukoll isiru dwal ġodda bil-għan li titjieb is-sigurta`;**

**Billi l-unika offerta sottomessa sad-data tal-għeluq ġiet evalwata mill-*Tender Adjudication Board* wara rapport tekniku mill-inġinier inkarigat mill-proġett, skont kif jidher fil-minuti tal-istess Bord tad-29 ta' Frar 2012;**

**Billi fl-Estimi għas-sena Finanzjarja 2012 hemm ivvutata somma biżżejjed sabiex tkopri l-proġett imsemmi (Vot 7521);**

**Il-Kunsill jirriżolvi illi għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-offerent Mica Med Ltd, skont ir-rati ndikati fis-sottomissjonijiet u l-iskonti mogħtija mill-istess offerent. ". (P/4/24)**

8.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu minn fost il-kunsillieri preżenti, wara li ġiet issekondata mis-Sindku R. Cutajar.

## 9.1. Tħejjija għall-attivitajiet li ser iseħħu fil-Mellieħa b'rabta mas-Symposium Internazzjonali dwar il-Piroteknika (K/12)

9.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li tkomplew il-kuntatti mal-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu sabiex jiġi stabbilit il-programm tal-attivitajiet imsemmija. Huwa mistenni li ser jattendu 400 delegat għas-symposium li ser ikollhom numru ta' attivitajiet organizzati għalihom f'diversi lokalitajiet. Il-Mellieħa hija waħda fosthom bi programm li ser jiżvolgi fil-25 ta' April 2012 u jkun kif ġej:

| | |
|---|---|
| 5.45pm | Wasla tad-delegati fi Ġnien il-Qigħan fejn ikun hemm *buffet* u tindaqq mużika tradizzjonali. |
| 6.30pm | Jibda l-ispettaklu bil-logħob tan-nar. |
| 8.00pm | Delegati jitilqu minn Ġnien il-Qigħan għall-Belvedere ta' Triq l-Għollieqa |
| 8.30pm | Wasla fil-Belvedere ta' Triq l-Għollieqa fejn jisserva kafe` Malti u ikel tradizzjonali. |
| 8.45pm | Ikompli l-ispettaklu bil-logħob tan-nar. |
| 9.30pm | Delegati jitilqu lejn Misraħ il-Parroċċa. |
| 10.00pm | Jibda l-ispettaklu bil-logħob tan-nar tal-art. |

9.3. Is-Sindku qal li l-Għaqda tad-Delettanti tan-Nar Maria Bambina, is-Societa` Filarmonica La Vittoria u l-Għaqda Mużikali Imperial ser jieħdu sehem f'dawn l-attivitajiet u bħala rikonoxximent għas-servizzi tagħhom ser ikun hemm għotja mill-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu.

9.4. Il-Kunsill approva l-programm propost.

## 10.1. Estensjoni tal-Uffiċċju Amministrattiv (K/1/2/Vol V)

10.2. Is-Sindku għarraf li l-applikazzjoni – PA 1872/11 – sabiex il-fond numru 4, Triq il-Madonna ta' Fatima jkun jista' jintuża bħala estensjoni tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill, ġiet approvata unanimament mill-Kummissjoni dwar il-Kontroll tal-Iżvilupp, fit-3 ta' April 2012, bil-kundizzjonijiet segwenti:

- Il-perit jissottometti sett ta' pjanti li jinkludu t-tneħħija tal-kamra li hemm irtirata fuq in-naħa ta' Triq il-Parroċċa, liema kamra għandha medda ta' 17-il metru kwadru.
- Il-kamra fil-livell tal-bejt tista' tinbena mill-ġdid aktar lura;
- Jitnaqqas il-livell tal-opramorta għal minimu ta' filata waħda;
- Il-kamra li hemm fil-livell ta' Triq il-Parroċċa trid tkun tinfed internament mal-i*store* li hemm fuqha; u
- Titħallas multa qabel jinħareġ il-permess.

10.3. Il-Kunsill innota dawn l-iżviluppi.

## 11.1. *Eco-Gathering* ġewwa l-Aħrax (A/6/3/2 Vol 30)

11.2. Is-Sindku għarraf li hemm numru ta' għaqdiet volontarji li qed jippjanaw serje` ta' attivitajiet mifruxa fuq numru ta' jiem, bl-iskop li jkattru l-aspett komunitarju u jgħinu biex jinħoloq futur ġust u sostenibbli fil-ġejjieni. Din ser tkun b'differenza minn attivitajiet oħra li soltu jiġu organizzati f'Malta billi jsiru f'ambjent san, fejn ma jkunx hemm alkoħol. L-attivitajiet li ser jittellgħu ser ikollhom għan edukattiv biex jinħoloq sens komunitarju fid-dawl tas-sitwazzjoni soċjali u ambjentali attwali. Is-Sur R. Cutajar qal illi hemm il-possibilita` li l-attivitajiet jseħħu f'waħda mill-postijiet tal-ikkampjar li hemm fl-Aħrax.

11.3. Il-Kunsill approva din l-inizjattiva.

## 12.1. Kofinanzjament ta' proġetti parzjalment iffirnanzjati mill-UE (P/10/7)(P/10/10)

12.2. Is-Sindku għarraf li fil-11 ta' April 2012 huwa attenda għall-preżentazzjoni ta' ċekkijiet lill-Kunsilli Lokali li bbenefikaw mill-Fond ta' Kofinanzjament imħaddem mill-Ministeru responsabbli mill-Kunsilli Lokali. Iċ-ċerimonja saret fil-Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ u għaliha kienu preżenti l-Ministru tal-Intern u l-Affarijiet Parlamenti l-Onor. Karm Mifsud Bonnici u l-Ministru tal-Ġustizzja, Konsultazzjoni Pubblika u l-Familja l-Onor. Chris Said. Iċ-ċekkijiet li ġew ippreżentati kienu hekk:

- Proġett *Mellieħa Nights* 2010 (finali) €1,487.50
- Proġett Let's Art (50%) € 595.00

12.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 13.1. *Musical* "L-Imhabba Fuq l-Gholja" (A/5/3/2/Vol XI)(A/5/5/Vol III)

13.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-premier tal-*musical* "L-Imħabba Fuq l-Għolja" ser jintwera fl-Empire Cinema f'Buġibba, San Pawl il-Baħar fit-13 ta' April 2012.

13.3. Is-Sindku għarraf ukoll li kienu qed jittieħdu l-ismijiet ta' dawk interessati li jarawħ, sabiex jiġi organizzat *coach* fit-19 ta' April 2012 .

13.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 14.1. Premijijiet Nazzjonali għall-Appoġġ lill-Intrapriża 2011 (F/1/7/Vol III)

14.2. Saret referenza għan-nominazzjoni tal-Kunsill għan-*National Enterprise Support Awards 2011*. Huwa qal li dawn ser jitħabbru waqt serata li ser issir fil-lukanda Dragonara fit-13 ta' April 2012.

14.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 15.1. Proġett *Bridging Age Gaps* through EU Funding (P/10/1/Vol IV)

15.2. Is-Sindku għarraf li l-Malta-EU Steering and Action Committee (MEUSAC) flimkien mal-Kumitat għas-Sena Ewropea 2012 stieden lill-kunsilli lokali u lill-NGOs għal laqgħa ta' diskussjoni bit-tema ***Bridging Age Gaps through EU Funding.*** L-għan ta' din il-laqgħa huwa biex il-kunsilli lokali u l-NGOs jiddiskutu t-temi tas-Sena Ewropea 2012 – l-Anzjanità Attiva u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet. Bħala parti mill-attivitajiet li ser jiġu organizzati ser issir attivita` ġewwa l-Mellieħa fejn it-tfal mill-Iskola Primarja tal-Mellieħa ser jiltaqgħu mal-anzjani residenti f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa. L-attivita' ser issir fid-29 ta' April u għaliha mistennija jattendu l-Ministru tal-Ġustizzja, Konsultazzjoni Pubblika u l-Familja l-Onor. Chris Said, il-Ministru tal-Edukazzjoni, Impjegi u l-Familja l-Onor. Dolores Cristina u s-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Anzjani l-Onor. Mario Galea.

15.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 16.1. *Eco-School National Operators Meeting 2012* (K/11/1)

16.2. Is-Sindku għarraf li bejn is-7 u l-10 ta' Novembru 2012, in-Nature Trust ser tkun qed tospita f'Malta l-konferenza msemmija. Din ser tkun fil-Mellieħa Holiday Centre u minbarra li ser tittratta diversi temi ta' natura ambjentali b'aċċenn fuq it-tfal tal-iskola, ser ikun hemm numru ta' attivajiet oħra, bħalma huma *bird watching*, ħelsien ta' fkieren fil-baħar, u żjarat f'postijiet storiċi kemm fil-Mellieħa u barra. Is-Sur R. Cutajar kompla jispjega li l-kunsill intalab jikkontribwixxi f'parti mil-loġistika u l-attivitajiet soċjali.

16.3. Il-Kunsill qabel li jagħti s-sehem tiegħu fil-konferenza msemmija, partikularment billi ser tkun ibbażata fil-Mellieħa. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni sabiex jiġi speċifikat x'ser ikun l-involviment finanzjarju tal-Kunsill *vis-a-vis* il-vot 3320 tal-konferenzi għas-sena 2012.

## 17.1. Periklu fi Triq il-Kappillan Magri (T/3/2/Vol X)

17.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi rrefera għad-diskussjoni li kien hemm fis-seduta Nru. 61 tal-24 ta' Ottubru 2011 u staqsa dwar jekk saritx il-laqgħa mal-Kappillan Joe Caruana.

17.3. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv, billi l-vetturi li jgħaddu minn Triq il-Kappillan Magri jinstaqu b'veloċita` baxxa għar-raġuni li ħafna ġenituri jieqfu bil-karozza eżatt quddiem il-bieb taċ-Ċentru Parrokkjali, jistennew sakemm jitilgħu t-tfal u jitilqu. F'każ li triq tingħalaq u l-ġinituri jipparkjaw 'il bogħod miċ-Ċentru Parrokkjali, x'aktarx li tinħoloq aktar konfużjoni u periklu.

### 18.1. Servizz ta' Tindif u Manutenzjoni ta' Latrini Pubbliċi li għalqet fis-7 ta' Frar 2012 (L/3/Vol II)

18.2. Is-Sindku rrefera għas-sejħa għall-offerti Nru. 1/2012 dwar is-servizz imsemmi. Huwa nforma lill-Kunsill li kienu saru rappreżentazzjonijiet mas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali sabiex is-servizz li qed jingħata mid-Direttorat tat-Tindif jitkompla, possibilment sakemm jintemm is-Sajf, f'Settembru 2012. Dan minħabba li l-kanditatura tal-Bajja tal-Għadira u r-Ramla tal-Mixquqa għal *Blue Flag* li ser tiġi evalwata proprju f'dak il-perjodu.

18.3. Is-Segretarju għarraf li l-offerenti kollha ntalbu jġeddu l-garanzija bankarja tagħhom, minħabba r-raġuni mogħtija fil-minuta 18.2, kif ukoll minħabba li t-*Tender Adjudication Board* kien talab parir mingħand id-Dipartiment tal-Kuntratti dwar il-mod kif ġew sottomessi l-prezzijiet fil-*bill of quantities*.

18.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 19.1. Librerija Pubblika (L/4/Vol II)

19.2. Il-Kunsillier H. Fenech aċċenna għall-fatt li kienet saret talba lid-Dipartiment tal-Libreriji sabiex jiżdied l-ixkaffar fil-liberija tal-Mellieħa, fejn l-ispiża jagħmel tajjeb għaliha l-Kunsill. Minkejja iż-żmien li għadda, baqa' ma sar xejn f'dan ir-rigward u għalhekk ippropona li l-Kunsill jsib mezzi oħra biex dawn jiġu pprovduti.

19.3. Il-Kunsill laqa' din il-proposta sakemm l-ispiża tkun skont l-vot 3391 fl-estimi.

### 20.1. Animal Fest 2012 (A/5/3/Vol X)

20.2. Il-Kunsillier H. Fenech ippropona li l-attivita` msemmija ssir f'Selmun nhar il-Ħadd 27 ta' Mejju 2012. Huwa qal li ser ikun qed iressaq aktar proposti dwarha fis-seduta li jmiss.

20.3. Il-Kunsill approva l-proposta mressqa.

### AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fl-10.00 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 8 ta' Mejju 2012, fis-7.30pm.

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**